# NITKELLMU MA' CARMEL SCICLUNA



Fil-Paġna Letterarja tal-lum ser nitkellmu ma' Carmel Scicluna, l-awtur ta' "Il-Ħaddiema ta' Miss Wilma", "Il-Kalċi Qiegħed Ifur", "L-Ambjent li qeridna – Poeżiji (2017-2020)', "Id-dubbiena u stejjer oħra" u l-aħħar wieħed "Min jogħdos bla maskra".

1. Carmel, inti għandek stil partikolari ħafna kif tikteb: Minn banda tuża l-lingwaġġ biex ngħidlu hekk tat-triq. Il-kitba mexxejja u tinbidel minn burdata għall-oħra. Xi waqtiet ngħidu aħna jġibulek tbissima. Imma dawn il-kitbiet li jidhru biex ngħid hekk sempliċi, u forsi din jekk tippermettili toffri ftit sfida għal qarrej, għandhom warajhom ħsieb ferm aktar profond. Il-ġabra ta' novelli tiegħek "Id-Dubbiena" hija bla dubju ta' xejn eżempju ta' dan. Ħa nkun ftit skjett Carmel, ma tissograx tikteb b'dan l-istil?

Nista' nirrispondik hekk: iva, ħadt sogru. Hemm qarrejja li jippreferuni nobrox fil-wiċċ. Kuntenti bi storja li tiddevertik u daqshekk. Nista' nitlifhom allura jekk se nogħdos fil-fond. Mill-banda l-oħra, nista' nirrispondik hekk u nkun korrett ukoll: hemm qarrejja ġodda li jieħdu gost bi storja sempliċi u jifhmu li hemm safef moħbijin fiha. Li jridu jfanndu biex isibu l-ġawhar. Allura ma ħadt ebda sogru.

2. Id-dubbiena, fil-fatt hija t-titlu tal-ewwel novella, u hawn għandna dik id-dubbiena fitta. Imma ħafna drabi anke l-inkwiet jiġri warajna, le? U forsi jekk tippermettili dan iġibni għat-tieni mistoqsija tiegħi. Waqt li dan il-ktieb huwa ġabra ta' novelli pero' bejn dawn l-istejjer hemm donnu ċerta rabta bejniethom. Biss biss, id-dubbiena nerġgħu niltaqgħu magħha anke fi stejjer oħra. X'tgħidilna dwar dan?

Għamilt ħabta nikteb stejjer għad-divertiment tal-qarrej. Ma kellix ambizzjonijiet. Id-Dubbiena u stejjer oħra hu differenti minn bosta kotba li ktibt qablu. Ngħidu aħna, Il-Kummidjanti tal-Parlament u Nirien ma Jsaħħnux - aktar ixaqilbu lejn divertiment professonali milli lejn xi forma ta' letterarjeta'. F'Id-Dubbiena u stejjer oħra mmirajt għall-altezza biex nikteb numru ta' stejjer letterarji sbieħ li mhux biss jogħġbu lill-qarrejja tas-soltu imma anki lill-kritiċi letterarji. Naturalment, kemm irnexxieli hi storja oħra. Kif għedt int, id-dubbiena hi metafora li sserrep tul l-istejjer.

3. L-umanità hija indirizzata ħafna fix-xogħolijiet tiegħek. Titkellem dwar ir-relazzjonijiet, jiġuni f'moħħi eżempju dawk ta' bejn Roger u Andrea, u anke ta' Tom u Lydia; t-tnejn li huma ma kinux sejrin tajjeb wisq flimkien. Kemm hu minnu dan?

Jien kont għamilt għoxrin sena miżżewweġ, isseparajt, iddivorzjajt, kelli xi relazzjonijiet, imbagħad erġajt iżżewwiġt. Għandi biżżejjed esperjenza mnejn nislet il-materjal għal kitba fuq l-umanita' u r-relazzjonijiet umani għalkemm nippreferi naqra ħafna kotba u nsib il-lehma minnhom, meta nsibha - għax mhux dejjem naqra u niġi ispirat. Ġieli nagħmel perjodu twil ma niktibx għax ma nħoss xejn. Imbagħad itini estru u nikteb tmien poeżiji wara xulxin f'medda ta' ħmistax.

Roger mhux biżżejjed għandu dak il-ġid kollu, ix-xogħol li tant iħobb, il-mara. Tefa' għajnejh fuq tifla u nħall wara l-immaġni tagħha. Imma kien matur biżżejjed li ġera wara r-realta' u fehem li din m'hi xejn għajr bluha. Martu kienet tħobbu u tatu ċans jirrifletti sewwa qabel titlaq mid-dar għalkollox. L-istorja ta' Tom u Lydia hi xort'oħra. Tom ried l-avventuri sesswali għax xeba' jkollu x'jaqsam mal-istess mara. Lydia kienet tħobbu u kienet lesta taħfirlu li abbanduna lilha u lil uliedhom. Tom warrab id-deheb li offrietlu martu għall-bluha.

4. Aspett interessanti fil-kitba tiegħek huwa li inti ħafna drabi tinqeda bit-taħdit figurattiv b'modi differenti u fin-novelli tiegħek ikun hemm tixbihat li jkomplu jsaħħu dak li jkun qed jiġri fin-novella. Fil-fehma tiegħi bħala qarrej ordinarju jkomplu joħolqu anke atmosfera li ddaħħal lill-qarrej aktar fl-ispirtu ta' dak li mhux tanġibbli. Mela inti qisek tgħaddi minn dak li hu tanġibbli biex tfisser dak li mhu materjali ngħidu aħna il-vaska mitluqa bil-ħaxix ħażin, fin-novella "Vaska" li tfakkrek ħafna fiż-żwieġ li beda jitnawwar ta' Roger u Andrea. Kemm taħseb li dan jġhin lill-qarrej biex jistħajjel dak li qed jaqra?

Il-metafora tal-vaska mxaqqgħa tgħin biex wieħed jifhem aħjar x'inhu għaddej fiż-żwieġ ta' Roger u Andrea. Nemmen li dan jġhin mhux ftit lill-qarrej biex iġarrab aħjar l-istorja u jomgħodha aħjar.

5. Bilfors ikolli neħel ftit fuq dwar l-istil, Carmel: Niltaqgħu ukoll mas-siġra ta' quddiem il-villa twaqqa' l-weraq isfar, id-dubbiena li hija rikorrenti u l- "għajnejn ta'seqer" li donnha tgħodd ħafna għal Cecilia li toqgħod bħal seqer fuq l-eks raġel, Paul, fuq bintha, Jessica. Imbagħad waqtiet fl-istejjer tiegħek bħal tispira ruħek mill-ħrejjef, ngħidu aħna, fl-ewwel storja tissemma Godilocks, xi ħaġa li fil-fehma tiegħi mhux biss tikkontribwixxi għal dik il-laqta li tkompli ssaħħarna imma ġġagħalna naħsbu aktar fil-profond kif wara kollox tagħmel il-ħrafa. Jekk inqabbel ma' kotba oħra tiegħek eżempju tal-poeżija naraw dan l-element eżempju fil-poeżija "Tiftakar?" fejn tislet mill-ħrafa ta' Rapunzel fejn in-narratur lil Jasmina jiddeskriviha bħala "muża